FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 29 TA' MARZU 2017

Il-Pulizija
(Spettur Silvio Magro)

Vs

Silvan Vassallo

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 0057883 akkuzat talli:

1. nhar l-14 t'Ottubru 2015 ghal habta tal-18.30hrs gewwa l-periferija tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta cioe' gewwa l-Old Terminal, ikkommetta serq ta' propjeta ghad-dannu ta' Airswift Courier u/jew persuni ohra , liema serq hu kkwalifikat bil-valur ta' aktar minn €232.94 u anqas minn €2,329.37 u dan ai termini tal-Artikoli 267, 268(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-imputat jinsb akkuzat li bhala impiegat tas-socjeta' "Airswift Courier" ghamel serq ta' projector destinat ghal terzi. Hekk jindikaw il-provi. Qabel xejn, pero', huwa rilevanti li jkun spiegat ix-xoghol li taghmel is-socjeta'. Din toffri servizzi bhala 'courier' u tikkonsenja lill-konsenjatarji pakketti provenjenti minn barra li jkunu destinati ghalihom.

Issa, fil-kuntest ta' dina l-kawza, l-General Manager tas-socjeta' stqarr: li kien l-14 ta' Ottubru 2015; li kien qieghed ihares barra mit-tieqa tal-ufficju tieghu; li ra lill-imputat hiereg u jippancja 'out'; li nnota li l-imputat resaq bil-karozza privata tieghu biswit il-vann li hu juza biex iqassam il-pakketti bhala parti mix-xoghol tieghu. Kompla hekk: "… rajtu johrog xi haga mill-vann u jitfaghha fil-karozza tieghu u x'hin staqsjtu …. dik x'kienet, qalli: dak projector tal-habib tieghi ghat tiswijja'. Kompla jistqarr ix-xhud li dak in nhar kien osfor pakkett li b'kumbinazzjoni kien projector u li meta stqasa lix-xuffiera kollha, inkluz l-imputat, jekk kienx gie ghandhom bi zball, kollha kienu irrispondewh fin-negattiv. Zied jighd li wara li ha ritratt tan-numru serjali tal-projector li kellu l-imputat kien qallu li kien ser izzommu ghandu sakemm ikun konfermat li mhux in-nieqes. Kompla jghid li ftit wara li kien telaq, l-imputat cempillu u ammetta li dak il-projector kien gie ghandu bi zball u zammu hu. Kompla spiega x-xhud li l-projector li osfor kien gie nieqes mill-mahzen wara li kien gie 'skennjat' u li ghal minn kien destinat ma kienx accettah ghaliex kellu l-outer packing nieqes.

Intant, hemm l-istqarrija tal-imputat li insista li fil-vettura tieghu kellu l-basket tieghu tax-xoghol u fil-vann tax-xoghol kien hemm projector, li sar jaf bih dak il-hin kif ix-xhud, l-istess general-manager, kien fetah il-bieba tal-vann tax-xoghol.

Huma x'inhuma l-fatti, pero', il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet orali maghmula mid-difiza li m'hemmx il-prova tal-'contractatio' u wkoll li fir-rigward tal-'projector' allegatament misruq m'hemm ebda prova li huwa dak li ma nstabx u allegatament misruq li kien proprju dak li kien ghand l-imputat. Fi kliem iehor, sostniet id-difiza, m'hemmx kontinwita' fil-provi tali li l-akkuzi jinsabu pruvati minghajr dubbju dettat mir-raguni.
Fl-ambitu ta' din il-kawza l-Qorti tghalaq billi tafferma illi l-provi fiha huma bazati fuq supposizzjonijiet u kongetturi li ma jistghux jikkostitwixxu bazi ta' konvicju fil-kriminal.

Inghad dan, tiddecidi li ma ssibx l-imputat hati u tilliberah.

A.M.Trigona
Magistrat